

Brussell, 28 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7984/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0085 (NLE)

ACP 33
WTO 92
RELEX 311
COASI 51

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Marzu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 154 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' rakkomandazzjoni għal ċerti emendi li għandhom isiru fil-Ftehim biex titqies l-adeżjoni tas-Samoa u ta' adeżjonijiet futuri ta' Gżejjer oħra tal-Paċifiku

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 154 final.

Mehmuż: COM(2019) 154 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.3.2019
COM(2019) 154 final

2019/0085 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' rakkomandazzjoni għal ċerti emendi li għandhom isiru fil-Ftehim biex titqies l-adeżjoni tas-Samoa u ta' adeżjonijiet futuri ta' Gżejjer oħra tal-Paċifiku

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-Proposta tikkonċerna d-deċizzjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ lill-Partijiet dwar l-emendi għall-Ftehim biex jitqiesu l-ażenjonijiet għall-Ftehim ta' Stati ġodda tal-Paċifiku.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra

Fit-30 ta' Lulju 2009, l-UE ffirmat il-Ftehim Interim ta' Shubija¹, li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (minn hawn 'il quddiem l-“FSE”) bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra. Il-Papua New Guinea, ir-Repubblika tal-Gżejjer Fiġi u l-Istat Indipendenti ta' Samoa ilhom japplikaw il-Ftehim fuq bażi provviżorja mill-20 ta' Diċembru 2009, mit-28 ta' Lulju 2014 u mill-31 ta' Diċembru 2018, rispettivament.

Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika għandu l-għan li:

- (a) l-Istati tal-Paċifiku jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-aċċess aħjar għas-suq offrut mill-KE;
- (b) jippromwovu żvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni gradwali tal-Istati tal-Paċifiku fl-ekonomija dinjija;
- (c) tiġi stabbilita żona ta' kummerċ ħieles bejn il-Partijiet ibbażata fuq l-interess komuni, permezz tal-liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ b'mod li jkun konformi mar-regoli applikabbli tad-WTO u l-prinċipju tal-asimetrija, b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi u l-limitazzjonijiet fil-kapaċità tal-Istati tal-Paċifiku, f'dawk li huma livelli u puntwalità ta' impenji;
- (d) joħloq l-arranġamenti xierqa tar-risoluzzjoni tat-tilwim; kif ukoll
- (e) jiġu stabbiliti l-arranġamenti istituzzjonali xierqa.

2.2. Il-Kumitat tal-Kummerċ tal-FSE

L-Artikolu 68 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika jistabbilixxi Kumitat tal-Kummerċ li huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet (l-UE u l-Istati tal-Paċifiku).

Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu u jkun kopresedut minn rappreżentant tal-Parti tal-KE u rappreżentant mill-Istati tal-Paċifiku. Iż-żewġ kopresidenti għandhom jalternaw il-presidenza tal-laqgħat. Il-persuna li tippresjedi laqgħa għandha titqies bħala “kopresident” għall-finijiet tal-Ftehim sal-mument meta tibda l-laqgħa ta' wara u r-rwol ta' kopresident jgħaddi għand il-Parti l-oħra.

Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jindirizza l-kwistjonijiet kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim. Fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, il-Kumitat tal-Kummerċ jista':

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L 272, 16.10.2009, p. 1).

- (a) iwaqqaf u jissorvelja kwalunkwe kumitat jew korp speċjali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim;
- (b) jiltaqa' fi kwalunkwe data miftiehma mill-Partijiet;
- (c) iqis kwalunkwe kwistjoni skont il-Ftehim u jieħu azzjoni xierqa fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu; kif ukoll
- (d) jieħu deċiżjonijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet f'każijiet previsti fil-Ftehim.

Il-Kumitat tal-Kummerċ jiddelega setgħat speċifiċi ta' teħid ta' deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni lill-Kumitati Speċjali kif previst fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim, b'mod partikolari l-Kumitat Speċjali dwar il-Kooperazzjoni Doganali u r-Regoli ta' Oriġini.

L-Artikolu 78 (il-klawsola ta' reviżjoni) jipprevedi li l-Kumitat tal-Kummerċ jista' jirrevedi dan il-Ftehim, l-implimentazzjoni, it-tħaddim u t-twertiq tiegħu fejn meħtieġ u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet xierqa lill-Partijiet biex jiġi emendat.

2.3. Rakkomandazzjoni prevista tal-Kumitat tal-Kummerċ tal-FSE

L-Artikolu 80 tal-FSE jipprevedi l-possibbiltà li l-Gżejjer tal-Paċifiku l-oħrajn jaderixxu mal-Ftehim abbażi tas-sottomissjoni ta' offerta ta' aċċess għas-suq konformi mal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994.

Għaldaqstant, l-Istat Indipendenti ta' Samoa sar parti għall-Ftehim fil-21 ta' Diċembru 2018². Il-proċeduri tal-Partijiet jinsabu għaddejnin ukoll rigward l-adeżjonijiet tal-Gżejjer Solomon u tar-Renju ta' Tonga fil-Ftehim. Barra minn hekk, Stati tal-Paċifiku oħrajn indikaw l-interessi tagħhom biex jaderixxu mal-Ftehim.

Matul is-sitt laqgħa tal-Kumitat tal-Kummerċ tal-FSE fl-24 ta' Ottubru 2018, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u tan-naħa tal-Paċifiku irrevdew il-Ftehim u fasslu lista ta' modifiki tekniċi għall-Ftehim li huma meħtieġa sabiex titqies l-adeżjoni tas-Samoa mal-Ftehim. Il-Kumitat ikkonkluda li tali modifiki jinvolvu l-elenkar tas-Samoa bħala Parti għall-Ftehim u ż-żieda tal-offerta tiegħu ta' aċċess għas-suq mal-Anness II tal-Ftehim. Bidliet simili fil-Ftehim ikunu meħtieġa kull darba li Stat ġdid tal-Paċifiku jaċċedi għall-Ftehim.

Għaldaqstant, fl-24 ta' Lulju 2019, waqt is-seba' laqgħa tiegħu, il-Kumitat tal-Kummerċ tal-FSE għandu jadotta r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Partijiet, u jirrakkomandalhom li jemendaw il-Ftehim biex titqies l-adeżjoni tas-Samoa, u biex il-Kumitat tal-Kummerċ jingħata s-setgħa li jiddeċiedi dwar kwalunkwe miżura tranżitorja jew emenda li tista' tkun meħtieġa wara l-adeżjoni ta' Parti ġdida fil-futur ("ir-rakkomandazzjoni prevista").

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiegħu f'isem l-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-adozzjoni tal-emendi ssuġġeriti għal dan il-Ftehim, biex titqies l-adeżjoni reċenti tal-Istat Indipendenti ta' Samoa, kif ukoll adeżjonijiet sussegwenti, biex b'hekk jiġu ssodisfati l-obbligi tal-UE skont id-dispożizzjonijiet tal-FSE.

Tali pożizzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ dwar l-emendi għall-Ftehim meħmuż mal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.

Is-suġġett tar-rakkomandazzjoni prevista jikkonċerna qasam li fir-rigward tiegħu l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva bis-saħħa tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE.

² ĠU L 333, 28.12.2018, p. 1.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta’ *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni”*.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat tal-Kummerċ huwa korp imwaqqaf bil-Ftehim ta’ Sħubija Ekonomika.

L-emendi li l-Kumitat tal-Kummerċ jirrakkomanda lill-Partijiet jadottaw għandu jkollhom effetti legali. Ladarba jiġu adottati mill-Partijiet, l-emendi previsti se jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu 68 meħuda flimkien mal-Artikoli 78 u 80 tal-Ftehim.

L-emendi previsti ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-baży ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Baży ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-baży ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u mill-kontenut tar-rakkomandazzjoni prevista li tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni dwarha. Jekk ir-rakkomandazzjoni prevista jkollha żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq baży ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-għan ewlieni u l-kontenut tar-rakkomandazzjoni prevista jirrelataw mal-politika kummerċjali komuni.

Għaldaqstant, il-baży ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-baży ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAR-RAKKOMANDAZZJONI PREVISTA

Billi r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ, ladarba tiġi approvata mill-Partijiet, se temenda l-Ftehim ta’ Sħubija Ekonomika, huwa xieraq li tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħha.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' rakkomandazzjoni għal ċerti emendi li għandhom isiru fil-Ftehim biex titqies l-adeżjoni tas-Samoa u ta' adeżjonijiet futuri ta' Gżejjer oħra tal-Paċifiku

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fis-30 ta' Lulju 2009, l-Unjoni (il-Komunità Ewropea ta' dak iż-żmien) iffirmit il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra³, li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ("il-Ftehim"). Il-Ftehim ġie applikat provviżorjament mill-Papua New Guinea u mir-Repubblika tal-Gżejjer Fiġi mill-20 ta' Diċembru 2009 u mit-28 ta' Lulju 2014 rispettivament.
- (2) L-Artikolu 80 tal-FSE jipprevedi li Gżejjer oħra tal-Paċifiku jistgħu jaderixxu mal-Ftehim abbażi tas-sottomissjoni ta' offerta ta' aċċess għas-suq konformi mal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994. Għaldaqstant, fil-5 ta' Frar 2018 l-Istat Indipendenti ta' Samoa (Samoa) issottometta talba għal adeżjoni flimkien mal-offerta ta' aċċess għas-suq lill-Partijiet skont l-Artikolu XXIV tal-GATT 1994 għal deċiżjoni.
- (3) Il-Kunsill approva t-talba għall-adeżjoni tas-Samoa fis-6 ta' Diċembru 2018⁴. Samoa ssieħbet mal-Ftehim fil-21 ta' Diċembru 2018 u ilha tapplika l-Ftehim b'mod provviżorju mill-31 ta' Diċembru 2018.
- (4) Matul is-sitt laqgħa tal-Kumitat tal-Kummerċ tal-FSE fl-24 ta' Ottubru 2018, ir-rappreżentanti tal-UE u tal-Istati tal-Paċifiku fasslu lista ta' modifiki tekniċi għall-Ftehim li huma meħtieġa sabiex titqies l-adeżjoni tas-Samoa mal-Ftehim. Huma kkonkludew li tali modifiki jinvolvu l-ejenkar tas-Samoa bħala Parti għall-Ftehim u ż-żieda tal-offerta tiegħu ta' aċċess għas-suq mal-Anness II tal-Ftehim. Bidliet simili fil-Ftehim ikunu meħtieġa kull darba li Stat ġdid tal-Paċifiku jaċċedi għall-Ftehim.
- (5) L-Artikolu 68 tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat għall-Kummerċ tal-FSE jrid jindirizza l-kwistjonijiet kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim.

³ ĠU L 272, 16.10.2009, p. 1.

⁴ ĠU L 333, 28.12.2018, p. 1.

Huwa meħtieġ li l-Kumitat għall-Kummerè jingħata s-setgħa li jiddeċiedi dwar kwalunkwe miżura tranżitorja jew ta' emenda li tista' tkun meħtieġa wara l-adeżjoni ta' Parti ġdida.

- (6) Il-laqgħa (is-seba') li jmiss tal-Kumitat tal-Kummerè tal-EPA għandha ssir fl-24 ta' Lulju 2019, fejn il-Kumitat se jkun jista', skont l-Artikolu 78 tal-Ftehim, jirrakkomanda lill-Partijiet biex jintroduċu l-emendi għall-Ftehim sabiex titqies l-adeżjoni tas-Samoa mal-adeżjonijiet futuri ta' Gżejjer oħra tal-Paċifiku mal-Ftehim.
- (7) L-Unjoni Ewropea għandha tiddetermina l-pożizzjoni li trid tittieħed fir-rigward tar-rakkomandazzjoni għal tali emendi,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerè tal-FSE fil-laqgħa li jmiss tiegħu fir-rigward tal-emendi għall-Ftehim biex titqies l-adeżjoni tas-Samoa u ta' adeżjonijiet futuri ta' Gżejjer oħra tal-Paċifiku għandha tkun ibbażata fuq l-Anness.

Artikolu 2

Wara li tiġi adottata, ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerè għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni Ewropea.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President